MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 618/2008

**Nadine Cini (491896M)**

**Vs**

**Phone Direct Limited (C27107)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elfejn, tlett mija u sitt Euro u tmien centezmi (€2,306.08), rapprezentanti drittijiet ghal servizzi rezi mill-attrici fuq istruzzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta stess.

Bl-imghax mid-19 ta’ Frar, 2008 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-5 ta’ Dicembru, 2007 u tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Frar, 2008 kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn, tlett mija u sitt Euro u tmien centezmi (€2,306.08), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------